MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR GHAWDEX

## GUDIKATUR DR. MERCIECA GRAZIO

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 114/2002

**Emanuel Custo'**

**vs**

**Pawla Camilleri**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Ghid inti konvenuta l-ghaliex m'ghandekx tigi kkundannata minn dan it-Tribunal li thallas lill-attur dik is-somma li tigi likwidata bhala danni li gew sofferti mill-mittenti wara li inti ergajt mill-kelma lura dwar il-bejgh ta' mghalef ghall-annimali li kien gie konkluz bejnek u l-attur, liema bejgh kien gie perfett bl-offerta da parti tieghek u bl-accettazzjoni da parti tal-attur dwar ix-xiri tal-istess mghalef u l-prezz li kellu jithallas, liema mghalef inti nqast li tikkonsenja lill-attur meta gie ghalih biex jigbru, bil-konsegwenza li l-attur kellu jixtri mghalef iehor bi prezz oghla minn dak li kien gie miftiehem mieghek, kif ukoll

dahal fi spejjez zejda ta’ trasport u haddiema biex gie jigbor dan il-mghalef, li inti bqajt tirrifjuta li tikkonsenjalu.

Ghal fin ta’ kompetenza u pretensjoni tad-danni sofferti, l-ammont ta’danni reklamati mill-attur ma jeccedux il-mija u hamsin lira maltin (Lm150).

Bl-ispejjz inkluzi tal-ittra ufficjali tat-2 ta’ Settembru 2002.

Bl-ingunzjoni tal-konvenuta ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa tinsab imharrka.”

Ra r-risposta:

1. “Illi t-talbiet ta’ l-attur huma infondati fid-dritt u fil-fatt stante illi l-ftehim bejn il-kontendenti kien illi l-attur kellu jigbor u jhallas il-maghlef fi zmien hmistax (15)-il gurnata, liema ftehim ma giex onorat mill-attur.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.”

Ra l-atti tal-kawza;

Ikkunsidra;

Illi dwar l-eccezzjoni tal-konvenuta, din ma gietx sostenuta b’mod konvincenti mill-konvenuta fid-deposizzjoni taghha, filwaqt illi l-attur cahad kategorikament li l-konvenuta u hu kienu ftiehmu fuq terminu ghall-gbir tal-mghalef;

Ghalhekk din l-eccezzjoni qieghda tigi respinta;

Illi l-attur qieghed jibbaza t-talba tieghu ghad-danni a bazi ta’ mitt (100) hamel maghlef izda l-konvenuta cahdet li kien hemm din il-kwantita’ filwaqt illi l-attur ma rnexxilux jistabbilixxi kemm tabilhaqq kienet il-kwantita’ li kellha tigi lilu kkunsinnata;

U ghalhekk id-danni qieghdin jigu likwidati “arbitrio boni viri” fis-somma ta’ LM75.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-attur limitatament kif fuq indikat u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' LM75 bhala danni.

Fic-cirkostanzi tal-kaz, l-ispejjez jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet kontendenti.

(ft) Grazio Mercieca
Gudikatur
(ft) M'Jane Attard
Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur